MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1488/2003

**Valhmor Borg Import
Export Limited**

**Vs**

**Renzo Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm286.06c (mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u sitt centezmi) rappresentanti l-prezz bilancjali ghall-prodotti ta’ l-ikel ghall-konsum mibjugha u konsenjati lill-konvenut.

Illi l-konvenut gie debitament interpellat diversi drabi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-11 ta’ Frar 2002, dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’Gunju 2002, bl-

imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra legali tal-11 ta' Frar 2002, u bil-konvenut li gie ngunt ghs-subizzjoni.

Ra l-kapitolu tas-socjeta' attrici;

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------